## Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-3 ta' Settembru 2013 — Idromacchine Srl, Alessandro Capuzzo, Roberto Capuzzo vs Il-Kummissjoni Ewropea

**(Kawża C-34/12 P)** ([1])

***(Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea — Rikors għad-danni — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura formali ta' investigazzjoni — Frażijiet li jistgħu joħolqu preġudizzju — Appell parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat)***

(2013/C 344/65)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Appellanti:* Idromacchine Srl, Alessandro Capuzzo, Roberto Capuzzo (rappreżentanti: W. Viscardini u G. Donà, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Grespan, aġent, assistit minn F. Ruggeri Laderchi, avukat)

### Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tat-8 ta' Novembru 2011, Idromacchine *et* vs Il-Kummissjoni (T-88/09), li permezz tagħha din tal-aħħar ċaħdet parzjalment rikors għad-danni intiż sabiex jinkiseb kumpens għad-danni allegatament ikkawżati minħabba l-publikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ta' informazzjoni li tiżgwida li b'mod partikolari tippreġudika l-immaġini u r-reputazzjoni ta' Idromacchine fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2002) 5426 finali, tat-30 ta' Diċembru 2004, "Għajnuna mill-Istat — l-Italja — Estensjoni bi tliet snin tat-terminu ta' kunsinna ta' tanker — Stedina sabiex jiġu ppreżentati kummenti skont l-Artikolu 88(2) KE"- Dmir ta' diliġenza — Assenza ta' ksur tad-drittijiet tad-difiża — Assenza ta' motivazzjoni

### Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Idromacchine SpA kif ukoll Alessandro Capuzzo u Roberto Capuzzo huma kkundannati in solidum għall-ispejjeż.*

([1]) GU C 89, 24.3.2012.

---

## Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja

**(Kawża C-356/13)**

(2013/C 344/66)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Manhaeve u K. Herrmann, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Polonja

### Talbiet

Il-Kummissjoni Ewropea titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li, billi naqset milli tiddefinixxi b'mod adegwat l-ilma li jista' jitniġġeż min-nitrati li joriġinaw mill-agrikoltura, u billi mmarkat b'mod insuffiċjenti ż-żoni vulnerabbli, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli tosserva l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 3, moqri flimkien mal-Anness I, tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE, tat-12 ta' Diċembru 1991, dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli ([1]);

— tiddikjara li, billi, fuq il-bażi ta' żoni vulnerabbli li ġew immarkati b'mod insuffiċjenti, stabbilixxiet, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE, tat-12 ta' Diċembru 1991, dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli, programmi ta' azzjoni, u billi inkludiet f'dawn il-programmi miżuri li juru nuqqasijiet fid-dawl tal-punt A.2 tal-Anness II u l-punt 1.1 u l-punt 1.3 tal-Anness III, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 5, moqri flimkien mal-punt A.2 tal-Anness II u l-punt 1.1 u l-punt 1.3 tal-Anness III tad-direttiva;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-Repubblika tal-Polonja kellha l-obbligu li tittrasponi b'mod sħiħ id-Direttiva 91/676/KEE u li tosserva l-obbligi li jirriżultaw minnha mid-data tal-adeżjoni tagħha fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004.

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 68

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Fővárosi Ítélőtábla (l-Ungerija) fid-29 ta' Lulju 2013 — Baradics *et* vs QBE Insurance (Europe) Ltd Magyarországi Fióktelepe, Magyar Állam

**(Kawża C-430/13)**

(2013/C 344/67)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Qorti tar-rinviju

Fővárosi Ítélőtábla

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Ilona Baradics, Adrienn Bóta, Éva Emberné Stál, Lászlóné György, Sándor Halász, Zita Harászi, Zsanett Hideg, Katalin Holtsuk, Gábor Jancsó, Mária Katona, Gergely Kézdi, László Korpás, Ferencné Kovács, Viola Kőrösi, Tamás Kuzsel, Attila Lajtai, Zsolt Lőrincz, Ákos Nagy, Attiláné Papp, Zsuzsanna Peller, Ágnes Petkovics, László Pongó, Zsolt Porpáczy, Zsuzsanna Rávai, László Román, Zsolt Schneck, Mihály Szabó, Péter Szabó, Zoltán Szalai, Erika Szemeréné Radó, Zsuzsanna Szigeti, Nikolett Szőke, Péter Tóth, Zsófia Várkonyi, Mónika Veress